**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 238/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**vs**
**Shalon Abela**

**Illum 2 ta' Novembru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Shalon Abela, 24 sena, iben Philip u Maria Dolores Azzopardi nee' Caruana, imwieled Pieta' nhar l-20 t'April, 1993, u li joqghod nru 15, Otson, Triq San Pawl, Qormi, detentur ta' karta ta' l-identita' nru 220493M.

Akkuzat talli fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Jannar, 2017, mill-istabbiliment *Bien Venue Confectionery*, fi Triq Bajada, Zabbar, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, *mobile phone top-up cards* u jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin, ghad-dannu ta' John Buhagiar u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gia gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 2 ta' Novembru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali u l-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u cioe' fl-ewwel opportunita' moghtija lilu, tqis li m'ghandhiex taghti piena ta' habs effettiva.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 263(a), 264(1), 267, 270, 278(1)(3), 279(a), 280(2), 281(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,**

**qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u tordna li ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-hati jrodd lura lid-derubat John Buhagiar, is-somma komplessiva ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) fi zmien sitt xhur.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u x'jigri jekk ma jhallasx l-ammont ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) fiz-zmien prefiss.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**